# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1310/98**

**Numru 34**

**Pincott Security Limited**

**vs**

**Pineapple Car Hire Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u disghin Liri Maltin tmienja u tletin centezmi (Lm290.38) rapprezentanti prezz ta' makkinarju ghal "automatic roller shutter" lill-konvenut mibjugh u kkonsenjat u dan skond statement li jgib id-data tal-29 ta' Mejju 1995 anness mal-avviz u mmarkat Dok "A". Bl-ispejjez kollha inkluz l-ETS kif ukoll dawk ta' l-ittra legali li ggib id-data tal-20 ta' Ottubru, 1995, ta' l-ittra ufficajli li ggib id-data tal-21 ta' Gunju 1996 tal-mandat ta' sekwestru ipprezentata mal-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-invoice u cioe 29 ta' Mejju 1995, kontra s-socjeta konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti, il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Settembru 1999 a fol 12 tal-atti, ix-xhieda, in subizzjoni ta' Franco Mule' a fol 13 tal-istess atti.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta (a fol 15 ibid) li biha il-”konvenut” eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attrici huma nfondati kemm bhala fatt u kemm bhala dritt stante illi l-’automatic roller shutter” kienet mill-bidu nett difettuz tant li l-konvenut kellu jixtri sistema ohra.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Wara li semghet ix-xhieda ta’ Anthony Tonna a fol 18 et seq ibid u rat id-dokumenti a fol 23 u 24 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fil-31 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm290.38,0 bl-imghaxijiet legali mid-29 ta’ Mejju 1995 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi l-”ETS” kif ukoll dawk tal-ittra legali tal-20 ta’ Ottubru 1995 u ta’ dik ufficjali tal-21 ta’ Gunju 1996 oltre tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tas-26 ta’ Gunju 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1310/98 JAB